MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Numru. 1294/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**

**VS**

**ANTONIO SULTANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antonio Sultana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 24449 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fil-5 ta` Dicembru, 2012, ghal habta ta` bejn is-sitta u nofs ta` filghaxija (18:30hrs), u s-sebgha u nofs ta` filghaxija (19:30hrs), fi Triq l-Ghannejja, Birzebbugia, dolozament bil-hsieb li oqtol jew li

jqiehged il-hajja ta` Abdulaziz Abdikadir Hasan f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan il-delitt billi spara zewg t'iri tan-nar lill-istess Abdulaziz Abdikadir Hasan, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipententi mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar u munizzjoni minghajr ma` kellu licenzja taht l-Att dwar l-armi;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` sink mill-kamra tal-banju, ghad-deteriment ta` Paul Grech u/jew persuna/i ohra;

4. Kif ukoll ikkaguna lill-istess Abdulaziz Abdikadir Hasan biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` taghha meta kien jaf jew missu kien jaf lib l-imgieba tieghu ser jikkaguna biza`.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 5 (1), 325 u 251 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa, u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Wara li rat l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda

alternattiva ohra lil dina l-Qort hlief illi ssib lill-istess imputat hati kif akkuzat.

Wara li l-Qorti tirrimarka dwar:

1. Il-komportament dejjem dinjituz tal-imputat fl-awla;
2. Il-koperazzjoni shiha tieghu mal-Awtoritajiet kompetenti;
3. L-ammissjoni tieghu;
4. Il-Fedina Penali tieghu li hija nadifa;

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat, Antonio Sultana, ghal terminu ta` prigunerija ghal disa` (9) xhur, izda a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li dan il-perjodu ma jibdiex isehh sakemm fil-perjodu ta` tlett (3) snin mil-llum ma jikkommettix reat iehor li ghalih hemm terminu ta` prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------